– BEJGH TA' *AIR-CONDITIONING UNIT* –
– ART. 2160(1) KAPITOLU TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– PRESKRIZZJONI TAHT L-ART. 2148(B) KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– BEJGH BL-IMNUT U BL-INGROSSA –
– INKOMPATIBBILITÀ TAL-PRESKRIZZJONI MAD-DIFIZA TAL-INEZISTENZA TAN-NEGOZJU –
– KONCEPIMENT TAD-DATA TAD-DEKORRIMENT TAL-PRESKRIZZJONI: *ACTIO NATA* –
– VERZJONIJIET DIVERGENTI U KUNTRASTANTI DWAR IL-FATTI –
– ONERU TAL-PROVA: FUQ MIN JINKOMBI –
– KAWZA CIVILI DECIZA ABBAZI TA' BILANC TA' PROBABILITAJIET –
– NATURA GURIDIKA TAL-FATTURA: META ACCETTATA U META RIGETTATA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **356/2016**

**MARIO FARRUGIA**
[K.I. NRU. 331069M]

***VERSUS***

**JONATHAN PELLEGRINI**
[K.I. NRU. 173587M]

B'Avviz tat-Talba mressaq fl-1 ta' Settembru, 2016, l-attur talab li l-konvenut jigi kundannat ihallsu l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800.00c) rapprezentanti l-prezz ta' *airconditioner* tal-ghamla "Hiyasu" mibjugh u konsenjat lill-istess konvenut, kif ahjar imfisser fl-imsemmi Avviz. L-attur talab ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti proceduri, dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali bin-numru 378/2016 u kif ukoll l-interessi legali.

B'Risposta mressqa fid-19 ta' Ottubru, 2016, il-konvenut eccepixxa hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kull ammont refiribilment ghall-installar ta' *aircondition units* kien kollu mhallas u saldat u b'mod definittiv.

2. Illi in linea ta' eccezzjoni preliminari t-talbiet huma preskritti ai termini tal-ligi stante illi mhuwiex minnhu illi xi *aircondition* kien effettivament suplit fis-sena 2014 u dan huwa biss tenatttiv sabiex jittenta jikkwalifika t-talba minghajr ma tkun dikjarat preskritta.

3. Illi fis-sena 2009 meta gew installati diversi *airconditions* inqalet problema fuq wiehed minnhom u kien proprju fis-sena 2010 illi din il-pendenza giet risolta tant illi *airconditioner* difettuz gie mibdul bil-kundizzjoni li kull bilanc jithallas kif fil-fatt sar u l-esponenti ghalhekk jsostni li ma hemm ebda ammont dovut kif issa reklamat.

4. Illi l-attur kien gie akkumpanjat minn terza persuna li kien qed jigbor d-dejn tal-attur u kien proprju thallas ammont a saldu u b'mod definittiv.

5. Illi l-esponenti kien irrisponda b'ittra ufficjali[1] ukoll ghall-interpellanza tal-ittra ufficjali attrici numru 378/16 u l-pretensjonijiet jibqghu kontestati kif premess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2017 gie registrat is-segwenti verbal: "*It-Tribunal jinnota illi l-Konvenut, ghalkemm jeccepixxi l-preskrizzjoni, jonqos milli jispecifika fuq liema dispozizzjoni specifika tal-Kodici Civili u/jew tal-Kodici tal-Kummerc qed isejjes tali preskrizzjoni. F' dan ir-rigward it-Tribunal jordna lill-Konvenut sabiex fi zmien ghaxart ijiem millum, permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qrati, jidentifika l-Artiklu/Artikli tal-Ligi a bazi tat-tieni eccezzjoni tieghu*" (*a fol*. 11);

Illi tali ordni giet ribadita fl-udenza sussegwenti tas-7 ta' Novembru, 2017 fejn insibu registrat hekk: "*It-Tribunal, b' refernza ghal dak registrat fil-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2017 (a fol.11), jirrileva illi l-Konvenut ma ottemperax ruhu ma' dak ordnat fl-istess verbal. It-Tribunal jinnota ukoll illi kopja tal-imsemmi verbal giet debitament komunikata u notifikata lid-difensur tal-Konvenut hekk kif jirrizulta a tergo ta' fol.12, izda ciononostante tali notifika u ghalkemm imsejha diversi drabi, la l-Konvenut u lanqas id-difensur tieghu ma deheru sabiex tipprosegwi l-kawza kif ordnat* [...] *In vista ta' dak hawn fuq rilevat, it-Tribunal jordna illi l-Konvenut jottempera ruhu mad-direttiva misjuba fil-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2017 u dan fi zmien hamest ijiem mil-llum*" (*a fol*. 13). Dakinhar stess, deher id-difensur tal-konvenut illi ressaq nota illi fiha, *inter alia*, issenjala li, "*il-konvenut jinsab jibbaza l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tieghu ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*" (*a fol*. 15);

[1] Presumibilment dik ezibita *a fol*. 28 datata 15 ta' Marzu, 2016.

Illi in vista ta' l-eccepita preskrizzjoni, fl-imsemmija udjenza tas-7 ta' Novembru, 2017, it-Tribunal kien ordna l-inverzjoni tal-provi, biex il-konvenut iressaq il-provi tiegħu f'dan ir-rigward (ara *a fol*. 14);

Illi l-konvenut ipproduċa l-provi tiegħu dwar il-preskrizzjoni f'okkazzjoni waħda (ara verbal *a fol*. 17 u provi relattivi *a foll*. 18–20) u sussegwentement l-attur ressaq dawk tiegħu dwar tali preskrizzjoni u dwar il-mertu tal-viċenda (ara verbal *a fol*. 21 u provi relattivi *a foll*. 22–28).[2] Wara l-eżibizzjoni ta' l-isemmija provi rispettivi, il-proċediment imbagħad għadda għall-fażi tal-kontro-eżamijiet relattivi (ara *a fol*. 33, *a foll*. 34–42, *a fol*. 49 u *a foll*. 51–60) u sussegwentement seħħet trattazzjoni fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2019 (*a fol*. 61),[3] f'liema udjenza l-każ tħalla għas-sentenza għall-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2019 (*a fol*. 64) u mbagħad għal dik tal-lum (*a fol*. 64);

It-Tribunal qies il-provi kollha, ra l-atti proċesswali u qies is-sottomissjonijiet ta' l-għeluq;

It-Tribunal jikkunsidra;

Jaqa' bi dmir li wieħed jagħti sunt tal-ġrajja fattwali kif toħroġ mill-provi mressqa. Din tista' tiġi katalogata hekk kif ġej.

Mid-deposizzjonijiet forniti mill-kontendenti, ma toħroġx eżattament stampa ċara ta' dak li eżattament seħħ bejn il-partijiet u dan hu frott id-diverġenza ta' perspettiva espressa mill-partijiet dwar dak li effettivament seħħ bejniethom.

Fuq naħa, l-attur jikkontendi li oriġinarjament kien hemm negozju bejn il-partijiet fis-sena 2009 fejn hu kien biegħ, issuplixxa u nstalla erbgħa (4) *units* ta' l-arja kundizzjonata lill-kumpannija tal-konvenut bl-isem ta' JKS Limited (ara *a fol*. 24) li kienet tiġġestixxi ristorant. Jgħid li tali negozju kien ġie magħluq fis-sena 2010, ossia li effettwata l-konsenja u l-installazzjoni relattiva – għalkemm kien hemm ċerta titubanzi fil-ħlas da parti tal-konvenut – l-attur kien tħallas dak lilu dovut f'dak iż-żmien.[4] Madanakollu, jgħid li għall-ħabta ta' Ġunju, 2014 il-konvenut personalment kien avviċinah u f'din it-tieni okkażżjoni l-attur kien biegħlu *indoor cassette unit* t'arja kundizzjonata. Dakinhar l-imsemmi *unit* kien inġabar mill-konvenut mil-garaxx ta' l-attur iżda ma kienx sar ħlas. Eventwalment, ġimgħat wara, l-attur ikkuntattja lill-konvenut għall-pagament iżda l-konvenut għarrfu li ma kienx ser iħallsu għax il-prezz kien għoli. Sussegwentement, l-attur ħareġ u bagħat fattura datata 31 ta' Ġunju, 2014 (nru. 121) lill-konvenut (*a fol*. 25) fejn il-prezz relattiv ta' dan l-*indoor unit* kien ta' €677.97 illi meta żżid it-taxxa

---

[2] Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019 il-konvenut kien irreġistra hekk: "*illi l-Konvenut ukoll eżawrixxa l-provi kollha tiegħu peress illi eżawrixxa l-mertu fl-istess stadju meta kien qed iressaq provi dwar il-materja ta' preskrizzjoni*." (*a fol*. 49)
[3] It-trattazzjoni ġiet traskritta u tinsab *a foll*. 62–63.
[4] *vide* kontro-eżami ta' l-attur fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2018 *a foll*. 34–42.

fuq il-valur mizjud fuq tali cifra l-ammont kien, komplessivament, ta' €800.00c. Dan huwa l-ammont li qed jigi mitlub f'dawn il-proceduri.[5]

Fuq in-naha l-ohra, il-konvenut jitkellem fuq grajja kompletament differenti. Jikkondividi u jaccetta li kien hemm l-imsemmi negozju originali bejn il-partijiet fis-sena 2009 u li dan inghalaq kompletament fis-sena 2010 (i.e., li thallas interament), izda assolutament jinnega li wara tali negozju l-partijiet regghu kkonkludew xi negozju iehor fis-sena 2014 kif pretiz mill-attur. Ghalhekk, ghall-parti konvenuta, oltre l-bejgh ta' erbgha (4) *units* ta' l-arja kundizzjonata fis-sena 2009, ma kien hemm l-ebda bejgh iehor fis-sena 2014 u li, skond il-konvenut, dan it-tieni bejgh hu fittizzju u li "*dan huwa biss tentattiv sabiex* [l-attur] *jittenta jikkwalifika t-talba minghajr ma tkun dikjarata preskritta*." (*vide* tieni eccezzjoni).

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet daqstant divergenti, jidher li l-kontiza hija dwar in-negozju tas-sena 2014, stante li hemm qbil implicitu li dak originali tas-sena 2009 gie konjuz fis-sena 2010 u li dwaru l-attur m'ghandu l-ebda kontestazzjoni. Mela allura l-prezenti vertenza ddur fuq il-kwezit jekk kienx hemm bejgh fis-sena 2014 ta' *indoor cassette unit* t'arja kundizzjonata lill-konvenut da parti ta' l-attur. Kif rajna *supra*, l-attur jghid li kien hemm mentri l-konvenut jghid illi ma kien hemm l-ebda tali negozju.

Epilogati tali fatti, wiehed issa jqis il-materja ta' preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut.

Skond l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, nonostanti li, "*it-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità*", hu previst b'mod espress illi, "*f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi*." Issa, skond l-Art. 730 tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*." Ghalhekk, huwa doveruz illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal jinvesti fl-eccepita eccezzjoni tal-preskrizzjoni fl-ewwel parti (kap) tal-prezenti sentenza. Sussegwentement – naturalment dejjem dipendenti mill-ezitu tal-kunsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggunta dwar tali aspett tal-procediment – wiehed imbaghad idawwar harstu lejn il-mertu tal-kwistjoni.

Il-kovenut jikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn dak it-terminu preskrittiv kontemplat fil-paragrafu (b) ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid illi, "*azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax (18)-il xahar.

F'dan l-istadju tal-procediment, dan it-Tribunal hu kjamat, bi dmir, jezamina u jiggudika jekk in-negozju odjern bejn il-litigandi huwiex wiehed illi jirrijentra fid-deskrizzjoni u definizzjoni ta' bejgh

---

[5] *vide* l-afidavit ta' l-attur *a fol*. 23.

bl-imnut, hekk kif delineat fl-imsemmi dispost tal-Kodici Civili u sussegwentement – stabbilit dan l-ewwel punt u dipendenti minnu – jekk l-attur intavolatx il-kawza fi zmien utili *o meno* u jekk kienx hemm xi fattur sospensiv jew interruttiv ta' tali zmien.

Hawn isir accenn ghal dak li ntqal *in re* **Vincent Buttigieg v. Qala St. Joseph Football Club** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 14 ta' Dicembru, 2007) u cioè illi, "*il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizjorju*." Ghalhekk, sta ghall-konvenut li jipprova li l-preskrizzjoni minnu sollevata – sabiex jinnewtralizza l-azzjoni promossa kontrih – hi effettivament dik applikabbli ghall-kaz *de quo*. Fi kliem iehor, u fil-konkret ghall-kaz in dizamina, l-oneru probatorju li n-negozju li ghadda bejn l-attur u l-konvenut jikkwalifikax bhala bejgh bl-imnut jirrisjedi esklusivament fuq dan ta' l-ahhar. Huwa l-konvenut li jrid jissodisfa dan l-oneru sabiex jiskarika l-istess minn fuqu u, *ergo*, "jirbah" l-eccezzjoni minnu mqanqla u dan ghax f'certi kazijiet il-konvenut bl-eccezzjoni tieghu stess jirrivesti l-libsa ta' 'attur' in forza tal-principju "*reus excipiendo fit actor*" bl-obbligu li jipprova dak li jkun eccepixxa.[6]

Apparti dan, illum-il gurnata l-konvenut irid jissodisfa ingredjent iehor meta jeccepixxi certu preskrizzjonijiet, ossia hemm rekwizit iehor li jrid jigi skarikat mill-istess konvenut. Dan ir-rekwizit jinsab previst fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, <u>ma jagħtux ġurament minn jeddhom</u> waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*." Tali disposizzjoni giet emendata permezz tal-Att I ta' l-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017 u l-emenda relattiva hi krucjali. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilità fejn l-attur jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut. Infatti, qabel l-istess disposizzjoni kienet tghid li, "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, <u>meta jinghata lilhom il-gurament</u>, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa*". Bl-emenda li saret bl-Att I ta' l-2017 il-legislatur nehha l-*onus* minn fuq il-parti attrici u impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament *di sua sponte*.[7] Fin-nuqqas li jaghmel hekk, il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet il-qosra msemmija fl-Art. 2160(1). Ghalhekk, qabel kien l-attur li kellu jsejjah lill-konvenut u lilu jiddifferlu l-gurament decizjorju, filwaqt li issa l-oneru

[6] F'dan is-sens, fost diversi u bosta, ara *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 23 ta' Mejju, 2008).

[7] Kif ritenut sa zmien recenti hafna *in re* **Direttur tar-Registru Pubbliku v. HSBC Bank Malta plc** (Appell Superjuri, 27 ta' Settembru, 2019), «*Kif inhi l-liġi llum, wara dawk l-emendi, il-ġurament jittieħed "minn jeddhom" minn min iressaq l-eċċezzjoni waqt li, kif kienet fiż-żmien relevanti, il-liġi kienet tghid illi hija l-parti li kontra tagħha titressaq l-eċezzjoni li setgħet tfittex li twaqqa' l-eċċezzjoni billi tagħti l-ġurament lill-parti l-oħra.*»

jinsab fuq il-parti konvenuta li bil-gurament taghha tistqarr li mhux debitur jew li m'ghandux rikollezzjoni tal-hlas.[8]

Debitament skarikati dawn l-oneri, kollox jerga' joxxilla fuq l-attur sabiex dan, da parti tieghu, jipprova jew li t-terminu preskrittiv mhux applikabbli jew li l-istess gie sospiz, jew li dan gie interrott jew alternattivament li d-debitur b'xi fatt, espress jew tacitu, ammetta l-kreditu.

Izda f'dan l-istadju, qabel ma t-Tribunal jintrattjeni studju biex jara jekk il-preskrizzjoni skond l-Art. 2148(b) tal-Kodici Civili tistax tigi akkolta jew le, wiehed irid necessarjament jara jekk f'dan il-kaz il-konvenut mexiex konformement ma' dak specifikat fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili, ossia jekk waqt dawn il-proceduri, minn rajh u bil-gurament, il-konvenut stqarrx li m'huwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

Fil-prezenti kaz il-konvenut Jonathan Pellegrini xehed minn jeddu permezz ta' affidavit u qal, fost diversi hwejjeg, dan: «*Meta ircivejt l-ittra skantajt mhux ftit ghaliex naf li ahna konna hallasnih kull bilanc dovut lilu* [...] *Jiena cert li ma kien ghad fadal ebda pendenza u ghalhekk din il-kawza sitt snin jew aktar wara zgur li ma taghmel ebda sens.*» (*a fol*. 19). Akkompanjat ma' tali affermazzjoni bil-gurament, it-Tribunal jiehu wkoll qies tal-verzjoni ta' l-istess konvenut, matul il-perkors kollu tal-procediment, fejn jinnega b'mod assolut li kien hemm bejgh fis-sena 2014 kif allegat mill-attur.

Ghat-Tribunal xhieda bhal din hi bizzejjed biex tissodisfa dak mehtieg skond ic-citat Art. 2160(1), avut rigward ghal dak li jinsab deciz mill-qrati taghna u cioè li, kif jirrizulta car anke mill-principju "ubi lex voluit dixit", min jeccepixxi l-preskrizzjoni m'ghandux ghalfejn jaghti raguni ghalfejn huwa jikkunsidra li m'huwiex debitur, dejjem salv dawk il-kazijiet fejn il-Ligi tippreskrivi diversament.

It-Tribunal jghaddi issa ghal ezami tal-preskrizzjoni eccepita u l-validità taghha ghal dan il-kaz.

Dwar l-Art. 2148(b) tal-Kodici Civili, il-ligi taghna hija siekta u ma taghti l-ebda definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi "*bejgh bl-imnut*". Izda ghal tali skiet legislattiv, ikkumpensaw ghalih il-qrati

[8] F'dan is-sens ara *in re* **Bottega del Marmista Ltd v. Paul Mifsud et** (Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2018) u d-decizjoni *in re* **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: "*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament* [...] *tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah*."

domestici illi mal-mhedda taz-zminijiet libsu l-istut b'vesti interpretattiva. Il-kazijiet dwar l-imsemmi terminu preskrittiv specifiku huma pjuttost abbundanti fil-gurisprudenza taghna, u dak li jsegwi huma l-kazijiet klassici f'ordni kronologiku:

- fil-kawza *in re* **Attard v. Refalo** (Prim'Awla, 15 ta' Novembru, 1892 riportata f'*Kollez*. Vol. XIII-294) inghad illi, "*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore è che il primo vende per lo più a coloro i quali commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo più ai consumatori e in piccolo quantità misurate dal bisogno di costoro*.";

- fil-kawza *in re* **John Cini v. Salvatore Debono** (Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Gunju, 1951) il-bejgh kien sar minn "negozjant" u kien jirrigwarda "kwantitajiet pjuttost rilevanti" ta' xghir u smida intizi ghall-annimali tal-konvenut u mizmuma minnu ghan-negozju tieghu. Il-Qorti tal-Kummerc kienet ikkonkludiet li l-bejgh kien bl-ingrossa u mhux bl-imnut;

- fil-kawza *in re* **Grazio Debattista v. Michele Galea** (Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Mejju, 1961) il-bejgh kien jirrigwarda kumpressur tal-arja li gie kkonsenjat lill-konvenut. Ghall-finijiet ta' preskrizzjoni kienet qamet il-kwistjoni dwar jekk il-bejgh kienx wiehed bl-imnut. Il-qorti kienet ikkonkludiet li l-bejgħ ma kienx bl-imnut u li għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' hames snin mhux ta' tmintax-il xahar. Il-qorti kienet spjegat li l-ligi taghna, li tirrigwarda l-preskrizzjoni fir-rigward ta bejgh bl-imnut ex Art. 2148(b) tuza l-kliem "*ta' kredituri*" u mhux "*ta' kummercjanti*"; ma tuzax il-kliem "*merci*" (ossia, merkanzija) biss, imma zzid ukoll il-kliem "*oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli*"; u ma tuzax il-kliem "*mibjugħa lil persuna li ma jeżerċitawx il-kummerċ*" imma tuża l-kelma "*bl-imnut*". Spjegat li allura skond il-ligi taghna wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kinitx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita ta' hwejjeg fuq indikati fiha nfisha u l-kwantitattiv fornit biss. Ziedet tghid li bl-uzu tal-kliem "*bl-imnut*" jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbighu oggetti ta' konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant, kemm lil min mhux. Kompliet tispjega illi l-espressjoni "*bl-imnut*" talludi bilfors ghal hwejjeg zgħar; u li dan – li haga tkun ta' entità zghira – kien il-motiv li gieghel lill-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wieħed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kreditu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar. Qalet li l-bejgh ta' kumpressur ma jistax jigi kkunsidrat bhala haga zghira ta' konsum gjornalier u ghalhekk ma jistax jitqies bhala bejgh bl-imnut;

- fil-kawza *in re* **Emanuele Micallef et proprio et nomine v. Francis Mercieca** (Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 1967) il-konvenut kien jahdem l-ghamara u meta kien jonqsu xi haga kien jibghat lill-lavrant jixtri mill-hanut ta' l-attur. Dan kien jinkludi xiri ta' kaxxi vojta ta' l-injam, hgieg, folji *three ply*, imsiemer u gibs. Il-qorti kkonkludiet li, "*l-kreditu li jifforma oggett ta' din l-azzjoni hu ghall-prezz ta' oggetti mibjugha bl-imnut*" u ghalhekk applikat l-

Art. 2148(b). F'din is-sentenza l-qorti kienet qalet li, "*ma jistax jiġi eskluż il-bejgħ bl-imnut anki meta kummerċjant ibiegħ lill-kummerċjant ieħor biex dan jirrivendi.*";

- il-kawza *in re* **Giuseppe Borg v. Dr. Giovanni Bonello et noe** (Appell Civili, 26 ta' Gunju, 1970; mhux pubblikata) kienet irriteniet illi kuntrarjament għal-ligi Taljana u Franciza, il-ligi Maltija ma kinitx tibbaza d-distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa fuq jekk min jixtri kienx jew le jinnegozja fl-oggett minnu mixtri. Il-gurisprudenza però kienet issupplimentat ghal dan is-silenzju u kienet tikkunsidra l-grossist bhala wiehed li "*per lo più vende a coloro che commerciano nella cosa comprata*" filwaqt li kienet tikkunsidra lill-minutant bhala dak li "*vende per lo più ai consumatori e in piccole quantità misurate dal bisogno di costoro*." [*Kollez*. Vol. XIII.294]. Kif inoltre gie ritenut ukoll illi, "*Il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgħ bl-ingrossa u dak bl-imnut* [...] *jidher li fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugħ. Jekk il-kwantitattiv tal-partita ikun fic-cirkostanzi kollha tal-każ u anke miżurat mill-bżonn tax-xerrej zgħir, allura l-bejgħ ikun bid-dettall*."

- fil-kawza *in re* **Michael Fenech noe v. Piju Camilleri** (Appell Superjuri, 18 ta' Jannar, 1993) il-qorti kienet osservat, bhal fil-kaz precedenti, illi, "*dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cjoè jekk hux bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. Infatti skont il-ligi taghna kif inhi, huwa possibbli li bejgh bl-imnut isir mill-grossista wkoll bhal ma hu possibbli li d-dettaljatur f'certi cirkostanzi jbiegh bl-ingrossa*." F'dan il-kaz il-bejgh kien jirrigwarda hames mitt gallun *gas oil* ghall-*boiler* tal-*airconditioning unit* u l-*heater* fid-dar tar-residenza tal-konvenut. L-ewwel qorti kienet ikkonkludiet illi l-bejgh kien bl-imnut filwaqt li dik fil-grad t'appell, invece irriteniet illi hawnhekk non si trattava ta' kwantitajiet mizurati skont il-bzonn tal-konsumatur, izda ta' konsenja kbira ta' *gas oil* li facilment setghet tinxtara fi kwantitajiet izghar skont il-bzonn u qalet li konsenja ta' hames mitt gallun ghall-impjant ta' *airconditioning* ta' dar ma tistax hlief titqies bhala wahda bl-ingrossa;

- fil-kawza *in re* **Paul Abela noe v. Philip Grima** (Qorti Kummerc, 6 ta' Marzu, 1994) il-bejgh kien jirrigwarda hames katusi ta' l-ilma tax-xita mixtrija mill-konvenut ghall-bzonn tad-djar tieghu. Il-qorti kienet tal-fehma illi dan kien bejgh bl-imnut anke jekk bhala regola l-attur kien ibiegh bl-ingrossa u mhux bl-imnut. Il-qorti kienet ipprezizat illi, "*A skans ta' ekwivoċi, l-Qorti ma hijiex qegħda tgħid illi wieħed ma jistax jixtri bl-ingrossa, anke jekk il-merkanzija sservi għall-bżonnijiet privati tiegħu u mhux għall-fini ta' negozju, imma qegħda tikkunsidra x-xiri ta' ħames katusi bħala xiri li jista' jsir minn kwalunkwe ħanut tad-dettaljaturi*.";

- fil-kawza *in re* **Dr Peter Fenech noe v. Medina Food Manufacturing Co. Ltd** (Appell Inferjuri, 7 ta' Novembru, 1997) il-bejgh kien jirrigwarda mitt litru zebgha sabiex tigi rinovata fabbrika. Irrizulta li s-socjetà attrici kienet grossista li tbigh lill-hwienet taz-zebgha (*ironmongers*) u mhux lill-konsumaturi. Wara li l-qorti kkunsidrat il-gurisprudenza fuq il-

kwistjoni tal-kriterji li jiddistingwu l-bejgh bl-imnut minn dak bl-ingrossa, irrilevat illi ma setghetx ma tinnotax illi l-element tal-kwantità – li jiddistingwi bejgh *wholesale* (ingrossa) minn dak *retail* (bl-imnut) – gie sodisfatt. Hija kkonkludiet li l-bejgh ma kienx wiehed bl-imnut izda kien wiehed bl-ingrossa. Spjegat illi n-negozju bejn il-partijiet ma kienx limitat ghall-operazzjoni semplici ta' komprovendita kif ikun il-kaz fil-bejgh bl-imnut, imma kien jinvolvi element ta' negozju dwar il-kwalità taz-zebgha, il-konsistenza tieghu, il-kapacità tieghu ghal certu tip ta' xoghol, u pariri da parti tal-venditur dwar kemm kien jinhtieg zebgha biex ix-xoghol isir kollu. Osservat li l-ftehim kien jinkludi li l-kwantità kbira ta' zebgha tinxtara f'salt wiehed u li l-kumpratur kien qed jifhem li l-venditur kien qed jidhol responsabbli versu lejh li l-kwantità ta' zebgha mixtrija fuq il-parir tieghu kienet ser tkun adegwata, tant li s-socjetà konvenuta kienet qeghda tirrifjuta li thallas il-bilanc rapprezentanti l-ammont li kellha tixtri in eccess ta' dak indikat mis-socjetà venditrici;

- fil-kawza *in re* **Paul Formosa v. Salvu Debono** (Qorti tal-Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001) il-bejgh kien jirrigwarda gebel. L-attur kien jopera barriera u l-konvenut kien kuntrattur li kien jiehu l-gebel minghandu. Il-Qorti tal-Appell Superjuri kienet ikkonkludiet li si trattava ta' bejgh bl-ingrossa u mhux bl-imnut u ghalhekk kienet applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames snin. Il-qorti kellha l-okkazjoni tislet id-distinzjoni bejn bejgh bl-ingrossa u bejgh bl-imnut b'din il-manjiera: "*Fost l-azzjonijiet li huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (l-Artikolu 2148) hemm dik tal-kredituri għall-prezz tal-merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra simili mibjugħa bl-imnut (li jista' wkoll jinkludi ġebel). Il-ġurisprudenza tagħna tagħti kriterju direttiv biex wieħed jiddistingwi bejn grossista u dettaljatur u dan hu illi filwaqt li l-grossista aktarx ibiegħ lil min jikkumerċja fil-ħaġa, id-dettaljatur ibiegħ aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet żgħar miżurati fil-bżonn tal-istess konsumatur, jiġifieri illi kummerċ bl-imnut jikkonsisti fir-rivendità f'partiti żgħar ta' merċi jew derivati lil tal-ħanut jew minutant li jixtri mingħand negozjant. Jidher ċar illi bil-kelma bl-imnut, il-liġi tikkontempla lil dawk kollha kummerċjanti jew le li jbiegħu oġġetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux*.";

- fil-kawza *in re* **Joseph Aquilina et noe v. Charles Camilleri** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2004) il-bejgh kien jirrigwarda magna ta' karozza lill-konvenut. Il-konvenut argumenta illi si trattava ta' bejgħ bl-imnut in kwantu l-magna inxtrat ghall-uzu personali tieghu. L-atturi invece argumentaw illi l-bejgh ta' magna ta' vettura mhix xi haga ta' kuljum u li tul hajtu bniedem jixtri oggett bhal dan ftit drabi biss. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri ikkonkludiet illi ladarba l-magna hija ta' karozza, huwa prezunt li din inxtrat ad uzu gjornaljier u biex isservi l-htigijiet personali tal-konvenut u allura jikkwalifika bhala bejgh bl-imnut. "*Dan it-tip ta' bejgħ ma jista' qatt jiġi kkonsidrat bħala wieħed bl-ingrossa, anke tenut rigward talammont involut*.";

- fil-kawza *in re* **Geranzio Azzopardi v. Carmelo Bezzina et** (Prim' Awla, 28 ta' Jannar, 2010) il-bejgh kien jirrigwarda vettura kummercjali li tintuza ghall-gbir tal-iskart domestiku u

fejn il-prezz pattwit kien jinkludi l-kuntratti ghall-gbir ta' skart domestiku li kien jingarr b' tali vettura. Il-Qorti kkonkludiet li dan ma kienx bejgh bl-imnut: "*Il-liġi tagħna ma tagħmilx distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz tal-ġurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgħ bl-imnut u l-bejgħ bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa għal merce destinata biex terġa' tinbiegħ jew inkella biex tinħadem f'oġġett ieħor (Vol.XXIII.I.909) jew fejn isir bejgħ lil persuni li jagħmlu negozju mill-merce mibjugħa fi kwantità apprezzabbli, allura dak huwa l-bejgħ bl-ingrossa ("Borg vs Bonello et noe et" – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naħa l-oħra il-bejjiegħ bl-imnut vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro (Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et" – Appell – 25 ta' Mejju 2001). Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-vendita de quo, taħt l-ebda ċirkostanza, ma jirriżultalha li dak in kwistjoni kien bejgħ bl-imnut sabiex tista' tiġi invokata l-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16. Fil-każ de quo, il-bejgħ kien dak ta' vettura kummerċjali li tintuża fil-ġbir ta' skart domestiku li kien jinġarr minn dik il-vettura. Li allura jfisser li da ma kienx il-każ ta' bejgħ ta' oġġett ta' konsum ta' kuljum jew oġġett che si vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro. Il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni*.";

- fil-kawza *in re* **Aronne sive Ronnie Barbara v. Andrew Schembri** (Prim' Awla, 5 ta' Ottubru, 2010) l-oggett tal-bejgh kienet vettura. Il-qorti kkonkludiet illi tali bejgh ma jistax jitqies bhala bejgh bl-imnut. Il-qorti osservat: "*Generalment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu. Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaga mixtrija. Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor. Madankollu, meta wieħed iqis għamla ta' negozju bħal dak li għamlu bejniethom l-attur u l-imħarrek, wieħed ma jsibx li dan jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut u għalhekk ukoll l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili ma kienx igħodd għalih*.";

- fil-kawza *in re* **Bathroom Design Limited v. Frank Paul Sammut et** (Appell Superjuri, 28 ta' April, 2014) il-kaz kien dwar bejgh u konsenja ta' merkanzija ghall-valur ta' iktar minn hamest'elef liri Maltin mifrux fuq perjodu ta' zmien. Il-Qorti ta' l-Appell filwaqt li ghamlet riferenza ghas-sentenza 'Attard v. Refalo' (Vol. XIII.294), citata *supra*, qalet: "*Il-konvenuti xtraw il-merkanzija mingħand is-soċjeta attriċi għall-konsum personali tagħhom u mhux biex jerġgħu jibegħuha lil ħaddieħor u jagħmlu negozju minnha. Għalhekk hawnhekk kjarament si tratta ta' bejgħ bl-imnut. Il-fatt li l-konvenuti għamlu 'sensiela twila ta' xiri' huwa totalment irrilevanti. Daqstant ieħor irrilevanti huwa l-fatt kellhomx kont miftuħ jew le.*";

- fil-kawza *in re* **Brincat's Co Ltd v. JDS Limited** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2018) in-negozju kien semplici bejgh ta' bicca ghodda (*spraygun*) biex tintuza mill-konvenuta appellata fix-xoghol taghha ta' produzzjoni ta' ghamara. Kien negozju ta' darba. Il-ligi taghna hi differenti minn dik Taljana li fl-artikolu 2955(5) tal-Kodici Civili tistipula perjodu ta' sena fir-rigward tad-dritt "*dei commercianti per il prezzo delle merci vendute a chi non ne fa commercio*". Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza 26433/14 qalet: "*Non rientrano nell'ambito di applicazione della norma la vendita di cose destinate ad attività produttiva o al commercio al minuto. Pertanto, la giurisprudenza esclude l'applicabilità della presunzione presuntiva qualora il compratore le destini al commercio con attività di scambio*." Il-ligi Maltija ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh lill-konsumatur jew bejgh lill-kummercjant biex juzah ghall-attivita produttiva tieghu. Inoltre, ma rrizultax li l-venditur kien qieghed jagixxi bhala grossista, bhal perezempju bejgh bi prezz ta' *wholesale*. Fil-fehma tal-qorti l-prezz ta' €1,272.13c ma kienx irendi l-bejgh bl-ingrossa. Hawn diversi konsumaturi li jixtru ghodda u oggetti b'dak il-prezz ghalkemm ma jkunux fil-kummerc. Il-qorti ghalhekk kienet ikkonkludiet li ghandha tapplika l-preskrizzjoni skond l-Art. 2148(b) tal-Kodici Civili.

Jirrizulta *de visu* minn dan l-elenku illi kull kaz gie ezaminat *a se stante* u li f'kazijiet bhal dawn m'hemm l-ebda regola pre-stabbilita x'jaghmel bejgh bhala wiehed "bl-imnut" jew bhala "bl-ingrossa". Kollox huwa dipendenti mill-fattezzi pekuljari tal-kaz trattat. L-ezami tal-fatti singolari ta' kull kaz ma hi xejn hlief norma ntiza biex tigi reza dik il-gustizzja sostantiva li kull kaz partikolari bi dritt jimmerita.[9]

Illi ghat-Tribunal, din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni brevi ma tista' qatt tirnexxi. Dan ghal dawn il-precizi tlett ragunijiet:

**(a)** il-bejgh li allegatament sehh fis-sena 2014 ma jikkwalifikax bhala bejgh bl-imnut.

Dan it-Tribunal hu tenut jezamina n-negozju mertu tal-proceduri odjerni *in se* u *per se*, independentement mill-vesti, kummercjali jew le, tal-litigandi rispettivi u indipendentement mill-

---

[9] Huwa *ius receptum* illi "*kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat* a se stante *u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, c-cirkustanzi individwali ta' kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b'mod irrigidit u nflessibbli*." (**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-decizjoni *in re* **Loris Bianchi pro et noe v. John Vella** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn intqal illi, "*Tajjeb dejjem, però, li jinzamm in mira illi kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u dawn iridu jigu mistharrga fuq il-meriti jew id-demeriti taghhom*" u dik *in re* **Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li, "*Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu*." Fl-istess sens hi d-decizjoni *in re* **C. Fino & Sons Limited v. Mario Gauci et**[9] fejn insibu ritenut li, "*kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u element fattwali wiehed jista' jkun bizzejjed biex jaghmel id-differenza minn kaz ghall-iehor*."

fatt li fil-passat kienx hemm negozji analogi bejniethom. Fi kliem iehor, kif anke sorrett mill-gurisprudenza ghar-rigward hawn fuq citata, ai finijiet ta' din l-eccezzjoni, il-gudikant ghandu jhares limitatament ghan-negozju tranzatt bejn il-partijiet *in abstracto* u *in vacuo*, jara n-numru ta' konsenji maghmula u l-ammont pretiz minn min qed jirreklamah. Ai finijiet ta' din l-eccezzjoni, il-gudikant hu inibit milli jhares esklussivament lejn il-vesti tan-negozjant/kummercjant li biegh u kunsinna l-oggett u/jew il-merkanzija u ankè prekluz milli jaghmel l-istess haga fir-rigward ta' min ordna, xtara u rcieva tali oggett u/jew merkanzija. L-oggett kardinali li ghandu jigi ezaminat, allura, mhux l-ambitu in generali li komunement u normalment jinnegozjaw fih il-partijiet rispettivi, izda l-analizi trid tkun wahda esklussivament oggettiva u fokalizzata fuq in-negozju (ossia, il-bejgh) li jinsab fic-centru tal-litigju bejn il-kontendenti (i.e., dak li allegatament sehh fl-2014).

F'dan il-kaz, l-oggett kien wiehed, ossia *indoor air-conditioning cassette unit*, u mhux kwantità numeruza ta' oggetti. Nonostanti tali singolarità, l-bejgh relattiv kien dwar oggett ta' certa konsistenza u fi prezz li ma jistghux jitqiesu negligibbli. Tali *cassette unit* kien ser jifforma parti minn sistema ta' erbgha (4) *air-conditioning units* ohra precedentement venduti u konsenjati lill-konvenut mill-attur il-prezz ta' liema sistema kienet tilhaq l-ammont ta' €8,862.42c (li dwarha m'hemmx kwistjoni). It-Tribunal ma jarax kif l-ammont ta' €800.00c jista' jittiehed fi kwadru ta' bejgh bl-imnut galadarba tali cifra minnha nnifisha ma tirrijentrax fl-isfera ta' bejgh bid-dettall. Jigi wkoll rimarkat li l-oggett kien destinat ghar-ristorant gestit mill-konvenut u mhux ghal skopijiet privati teghu. Kif inghad aktar kmieni b'referenza ghall-gurisprudenza lokali, "*fejn isir bejgħ lil persuni li jagħmlu negozju mill-merce mibjugħa fi kwantità apprezzabbli, allura dak huwa l-bejgħ bl-ingrossa*." Hawnhekk, u bhala ezempju, it-Tribunal jirreferi ghall-kawza *in re* **Grazio Debattista v. Michele Galea** (kwotata fuq) fejn inghad li l-bejgh ta' kumpressur ma jistax jigi kkunsidrat bhala haga zghira ta' konsum gjornalier u ghalhekk ma jistax jitqies bhala bejgh bl-imnut. Kif rajna *supra*, il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u dak bl-imnut jidher li tirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugh, ossia jekk il-kwantitattiv tal-partita ikun fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u anke mizurat mill-bzonn ta' min jakkwistah, zghir, allura l-bejgh relattiv ikun bid-dettall (i.e., imnut), izda f'dan il-kaz, fl-opinjoni tat-Tribunal, il-kwantitattiv mibjugh ma jistax jitqies bhala wiehed zghir.

Ghalhekk – u dejjem salv u bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad aktar 'l quddiem – il-preskrizzjoni eccepita fil-kumpless tan-negozju u tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz ma kinitx dik idonea la ghall-bazi ta' l-azzjoni u lanqas ghall-fatti emergenti mill-atti processwali. In aggjunta ma' dak espressament statwit fl-Art. 2111 tal-Kodici ta' Procedura Civili,[10] kif drabi ohra gie ravvizat fis-sentenzi tal-qrati taghna, "*invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mil-ligi, l-Qorti ma tistghax jekk dik invokata tirrizulta nsostenibbli, tfittex biex tara jekk hiex applikabbli xi preskrizzjoni partikolari ohra li ma gietx invokata*" (ara decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol. XLII-III-1152** u dik *in re* **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Oil and**

[10] Art. 2111 jghid hekk: "*Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata*."

**Construction International Limited** (Appell Inferjuri, 28 ta' April, 2004). Fl-istess vina huma s-sentenzi *in re* **Ronald Naudi v. Unispeed Shipping and Forwarding Ltd** (Prim'Awla, 26 ta' Gunju, 2003) li fiha nsibu ritenut li, "*Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*" u *in re* **Erremme Business Advisors Limited v. Databyte Limited** (Prim'Awla, 9 ta' April, 2019).

Minn dan il-profil, il-preskrizzjoni invokata mill-konvenut mhux meritevoli t'akkoljiment.

**(b)** Il-linja difensjonali intrattenuta mill-konvenut – kemm formalment fl-eccezzjonijiet tieghu[11] u anke fis-sustanza waqt il-kors tal-kawza[12] – hija inkonciljabbli mad-difiza ta' preskrizzjoni minnu stess sollevata.

Id-dilemma li *ictu oculi* jindividwa dan it-Tribunal huwa li l-konvenut, li assidwament jikkontendi li n-negozju allegat mill-attur huwa kompletament inezistenti (jew ivvintat), qed jecepixxi l-preskrizzjoni, cioè li negozju (li qatt ma sehh) huwa preskritt. L-anomalija hija manifesta: jew kien hemm tali negozju izda l-istess hu milqut bit-trapass ta' zmien li trid il-Ligi minhabba inattività ta' minn kellu jedd li jattiva ruhu adegwatament jew inkella li l-istess negozju huwa inezistenti u, allura, ma jista' qatt ikun soggett ghall-moghdija ta' zmien preskrittiv (ghax "*actioni nondum natæ non præscribitur*"). Fi kliem iehor, l-eccezzjoni ta' l-inezistenza tal-kreditu[13] tinnewtralizza dik tal-preskrizzjoni, ghaliex jew il-kreditu kien jezisti izda huwa preskritt, jew altrimenti ma ezista qatt u ma jista' jkun qatt kolpit bi preskrizzjoni.

Dan hu principju llum-il gurnata konsagrat f'bosta pronunzjamenti tal-qrati taghna, fosthom, *in re* **Guido J. Vella A. & C.E.v. Dr. Emanuel Cefai LL.D.** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001) li fiha inghad hekk: «*filwaqt li gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kienitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi "hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni" (Volum XXX.i. 964).*» Fl-istess sens huma d-decizjonijiet *in re* **Raymond Vella v. Moby Rentals Ltd** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001), *in re* **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009), *in re* **Helen Vella v. Louis Scicluna** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 2018) u *in re* **Carmlu Limited v. Joseph Cachia** (Appell Superjuri, 29 ta' Marzu, 2019). In fine ikollu jigi rimarkat illi, "*la relativa eccezione, mentre non è incompatibile con l'allegazione di uno*

---

[11] Apparti l-eccezzjonijiet *a fol*. 5, ara wkoll in-nota tal-konvenut *a fol*. 15 – imressqa wara d-direttiva tat-Tribunal fl-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru, 2017 (*a fol*. 11) u ribadita fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2017 (*a fol*. 13) – li fiha jispecifika ezattament l-Artikolu tal-Ligi abbazi tal-preskrizzjoni tieghu u fejn *inter alia* jsostni li "*m'huwiex minnu li xi air condition kien effettivament supplit fis-sena 2014 u dan huwa biss tentattiv sabiex jittenta jikkwalifika talba attrici minghajr ma tkun dikjarata preskritta.*"

[12] *vide* l-affidavit tieghu *a fol*. 19 u depozizzjoni in kontro-ezami u in ri-ezami *a foll*. 56–60 *tergo*.

[13] F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut.

*o più fatti estintivi dell'obbligazione, deve essere respinta, prescindendo da ogni ulterior indagine, quando, oltre a tale allegazione, siano state proposte, in via alternattiva o subordinate, altre eccezioni o difese inconciliabili con la validità o esistenza originaria dell'obbligazione, come la deduzione dell'inadempimento del creditore, con richiesta di compensazione del credito dello stesso con quello per il risarcimento dei danni conseguente a detto inadempimento, o la negazione del diritto vantato ex adverso*." (*Cass. Civ*., 25 ta' Frar, 1981, kaz nru. 1149; *cfr*. **PIETRO CAPELLO**, "La Prescrizione Civile, Penale e Tributaria", Giuffrè editore, 2007; p. 627).

Minn dan l-aspett, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut ghandha tigi rigettata ghax ma tirrikonciljax ruhha mal-linja difensjonali minnu stess intrapriza f'din il-kawza.

**(c)** il-konvenut jonqos milli jindividwa d-data preciza ta' minn meta ghandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni relattiva.

In tema ta' preskrizzjoni, jinsab rikonoxxut illi min jinvokaha ghandu jaghti l-prova tad-data preciza tad-dekorriment taghha ("inceptio prescriptio"). Fin-nuqqas ta' tali prova, min hu kjamat jiddeciedi ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li ma jkunx gie determinat l-inizju tad-dekorriment tal-perjodu preskrittiv. Issa, peress li "*f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima"* (*cfr*. **Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius**, Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1957) wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi min jecepixxi l-preskrizzjoni *"kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio"* (*cfr.* **Guido J. Vella v. Dr. Emanuel Cefai**, Appell Inferjuri, 5 ta' Ottubru 2001). Addizzjonalment, f'dan l-ahhar kaz citat, inghad inoltre li kien "*jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni*."

B'zieda ma' dak appena maghdud, issir referenza ghall-Art. 2137 tal-Kodici Civili li jghid: "*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*." Dan hu rifless tan-norma ta' "actio nata" li appropozitu, fid-duttrina akkreditata, intqal hekk dwarha: "*E' questo il concetto che si riassume nella formula tradizionale – actio nata – interpretata dalla comune dottrina nel senso che la prescrizione cominci in quel momento stesso, in cui nasce l'azione intesa a tutelare il diritto*" (*cfr*. **GIUSEPPE PUGLIESE**, "Trattato della Prescrizione Estintiva", §21).[14] Ta' l-istess fehma huwa l-**BAUDRY LACANTINERIE** ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol.XXVIII, §364), meta josserva li "*Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto*

[14] Dan l-awtur hu citat ripetutament u *in extensio* fid-decizjoni *in re* **Ester Degeatano et v. Joseph Rosso** (Appell Civili, 26 ta' Frar, 1965; mhux pubblikata).

*o l'azione che e' destinata ad estinguere.*" Mix-xena domestika hemm is-sentenza, fost bosta ohrajn, riportata f'*Kollez*. **Vol. XXXVII-II-622** li fiha inghad li, "*Jehtieg jigi ezaminat meta jista' jsir dan l-ezercizzju (ta' l-azzjoni). Dan iz-zmien skond id-dottrina hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali*." Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-*punctum temporis* minn fejn ghandhom jibdew jigu kkalkolati t-tmintax-il xahar applikabbli, skond il-konvenut, ghall-azzjoni attrici. F'aktar dettall, il-qrati taghna jghidu li, "*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilitá taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*" (*cfr*. **Victor Portelli v. Mark Psaila**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003; ara wkoll **Stencil Pave (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar**, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 2003). Inghad ukoll li, "*l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volontá tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali* " (*cfr*. **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**, Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005).

Fil-kaz taghna l-konvenut jonqos milli jindividwa d-data ta' meta ghandha tibda' tiddekorri l-preskrizzjoni minnu stess invokata. Dan jista' jkun ghaliex il-kontiza tieghu hija li fil-verità l-bejgh li qed jigi allegat mill-attur (tas-sena 2014) qatt ma sehh fir-realtà. Allura, kien impossibbli li wiehed jallaccja data preciza ma' negozju li qed jigi kontiz li huwa fittizju.

Ghalkemm il-konvenut *in subsidium* jargumenta li, "*anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-arconditioner gie supplit f'Gunju tas-sena 2014 hekk kif allegat mill-attur u haga li l-konvenut jinnega bil-qawwa kollha, din l-azzjoni hija xorta wahda preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Gunju 2014 sa 1 Settembru 2016 – oltre sentejn u sitt xhur wara*." (ara *a fol*. 15), dan l-argument m'ghandux mis-sewwa.

Minghajr ebda pregudizzju ghall-konkluzjoni raggjunta aktar kmieni dwar l-inapplikabilità taz-zmien preskrittiv invokat mill-konvenut, kien jaqa' b'dover fuq l-istess konvenut li jindika data preciza ghall-finijiet ta' preskrizzjoni. Jigi mistqarr li mill-kumpless tal-linja difensjonali tal-konvenut dwar preskrizzjoni u dwar karenza ta' individwazzjoni ta' data preciza, it-Tribunal jimtela b'certa dubji.

Fil-kaz odjern il-konvenut ma ghamel xejn hlief li asserixxa li l-istanza attrici hi preskritta, izda ma marx oltre minn tali asserzjoni u individwa ezattament data li mieghu tintrabat id-dekorrenza. B'hekk jigi li l-konvenut halla f'idejn it-Tribunal biex jipprova jindividwa minfloku dik id-data li setghet kienet applikabbli. Bid-dovut rispett, dan ma jistax jinghata adezjoni jew jigi permess

jew kondonat. Hekk kif affermat fi zmien pjuttost ricenti *in re* **Carmen Xuereb v. Av. Anton Micallef** (Prim'Awla, 12 ta' Dicembru, 2013), "*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f'dak li jkun inghad bil-gurament jew f'dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa' ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax, b'mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni.*" Ikun superfluwu ghat-Tribunal li jaggjungi oltre dak appena senjalat.

Minn dan l-aspett, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi destinata tfalli wkoll.

Spjanat dan it-terren u diskussi l-indikati aspetti, it-Tribunal qed jichaq l-eccezzjoni abbazi tal-paragrafu (b) ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) invokata mill-konvenut.

Skartata tali materja preliminari, it-Tribunal issa jdawwar harstu lejn il-mertu tal-vicenda.

Kif gja' senjalat aktar kmieni, l-attur irid li l-konvenut ihallsu l-ammont ta' €800.00c rapprezentanti l-prezz ta' *airconditioner* tal-ghamla "Hiyasu Indoor cassette HU-45R" mibjugh lill-istess konvenut ghall-habta ta' Gunju, 2014. Min-naha l-ohra, u kif gja' rajna, il-konvenut jghid li tali bejgh huwa kompletament inezistenti, ossia li fis-sena 2014 qatt ma kien hemm bejgh mill-attur lill-konvenut.

Hawnhekk ghandna t-tipika sitwazzjoni fejn parti tghid haga u l-parti l-ohra tghid l-oppost. L-unika qbil bejn il-partijiet huwa li fis-sena 2009 kien hemm bejgh ta' erbgha (4) *units* ta' *air-conditioning units* supplit u installat mill-attur lill-konvenut. Il-bqija, dwar l-allegat bejgh li sehh f'Gunju, 2014, il-partijiet litteralment jirrakkuntaw zewg grajjiet opposti fejn l-attur jaghti dettalji ta' bejgh ta' *indoor cassette unit* lill-konvenut li prelevah mill-garaxx tieghu mentri l-konvenut jghid li qatt ma xtara jew gabar xejn minghand l-attur u li addirittura lanqas biss jaf fejn jinsab il-garaxx ta' l-istess attur.

Ikollu jigi mistqarr li meta l-grajja processwali tipprezenta zewg estremi bhal dawk in dizamina, il-kompitu ta' min huwa msejjah jiddeciedi jsir ferm aktar difficli u ardwu. F'tali cirkostanzi, il-qrati taghna ghallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata). Izda jigi wkoll mistqarr li dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, il-provi ghar-rigward ikunu ta' natura kemmxejn skjetta, akkumpanjati minn verzjonijiet dijametrikament opposti wahda ghall-ohra

(hekk kif inhu l-kaz *de quo*). F'tali sitwazzjonijiet, certu normi tal-Ligi u numru ta' principji guridici jissokkorru lil gudikant sabiex jaghtuh kejl ta' mizurazzjoni ai finijiet ta' decizjoni.[15]

Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità, kif ghamel f'okkazzjonijiet precedenti,[16] illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwenti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza quddiem min huwa ultimament imsejjah biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi tal-partijiet.

Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-

---

[15] Jigi mfakkar, kif inghad *in re* **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia** (Prim'Awla, 24 ta' Novembru, 1966 *per* Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran) illi, "*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti.*" Addizzjonalment, *in re* **Middle Sea Insurance p.l.c. noe v. Victor Sammut** (Appell Superjuri, 2 ta' Gunju, 2003), insibu ritenut li, "*F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u talverosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din ilkawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta millprovi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għallkonklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.*" Ara wkoll *in re* **Dr. Elizabeth Vella M.D. v. Bieb Bieb Limited et** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2011).

[16] Ara s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, kif presjedut, *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et**, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2018 (mhux appellata) u *in re* **Charles Schembri v. Jean Schembri**, moghtija fid-9 ta' Jannar, 2019 (mhux appellata).

norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi, *motu proprio*, il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini[17] bhal "quod non est in actis non est in mundo",[18] "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam"[19] u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".[20] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mil-awtur **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p. 8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*"[21]

---

[17] Referenza ghall-massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif maghdud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N° 122 riportata f'*Kollez*. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[18] *traduz*.: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.

[19] *traduz*.: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[20] *traduz*.: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

[21] Addizzjonalment mill-perspettiva Ingliza wiehed jirreferi ghad-*dictum* ta' Lord Thomson LJ.C, fil-kaz *in re* «**Thomson v. Corporation of Glasgow**» (1962 SC [HL] 36 at 52) fejn sostna illi, "*It is on the basis of two carefully selected versions that the Judge is finally called upon to adjudicate . . . He is at the mercy of contending sides whose whole object is not to discover truth but to get his judgment. That judgment must be based only on what he is allowed to hear. He may suspect that witnesses who know the "truth" have never left the witness-room for the witness-box because neither side dares risk them, but the most that he can do is to comment on their absence*." (*cfr*. **HEYDON J. D.**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition, LexisNexis Butterworths Australia, 2010, §17135, p.531).

Issa, il-procediment odjern huwa ta' indole civili u ghalhekk l-oneru huwa mixhut fuq l-attur li hu dik il-parti li qed tallega certa fatti ai termini tac-citat Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan mhux mistenni li jipprova l-kaz tieghu lil hinn minn kwalsiasi dubju dettat mir-raguni (i.e., "beyond reasonable doubt") hekk kif rikjest fi procedimenti ta' natura penali. Hawnhekk, il-grad ta' prova huwa li l-attur jipprova l-pretensjoni tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet (i.e., "preponderance of the evidence" jew "balance of probabilities"). Tali *standard* jintlahaq jekk il-pretensjoni jew allegazzjoni ghandha aktar mis-sewwa milli le meta mpoggija fl-isfond fattwali tal-grajja. Tali *standard* jigi sodisfatt bil-produzzjoni ta' provi idoneji u sufficjenti li jaghtu piz lill-allegazzjoni ta' xi parti. Skond **LORD DENNING J.**, fil-kaz ta' «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), hu jispjega din in-norma procedurali hekk: "*If the evidence is such that the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not*." Ukoll interessanti hi l-asserzjoni maghmula minn **LORD HOFFMAN J**. fil-kaz ta' «Re B» ([2008] UKHL 35) fejn sostna dan: "*If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened*."[22] Kif gie osservat minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018)**,** "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion*

---

[22] It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-*fons* tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti **PAOLO DE BONO** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u noltre illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: «*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del* BEST*, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal* LELY *(Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso*.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza *in re* **Lawrence *sive* Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela** (Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("*Modern Law of Evidence*", 2nd edition) u l-opra intitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri *in re* **Michael Agus v. Rita Caruana** (Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata mà produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Inoltre, fid-decizjoni *in re* **Robert Hornyold Strickland v. Allied Newspapers Ltd** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019) naraw kif l-Qorti ghamlet espressament referenza ghal-Ligi anglo-sassona [*vide* pagna 13 ta' dik is-sentenza].

*that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company*."

Fid-dawl ta' dak appena premess, kien kompitu ta' l-attur li jipprova l-kaz tieghu fid-dawl tan-negazzjoni assoluta tal-parti konvenuta. Fi kliem divers, meta l-attur gie rinfaccjat bil-linja difensjonali tal-konvenut u kif ukoll kellu okkazzjoni ampja illi jwiezen dak allegat kontra l-pretiza tieghu, l-attur kien fid-dmir li min-naha tieghu jressaq provi adegwati biex jinnewtralizza dak li kien qed jghid il-konvenut (u jigi innutat illi l-konvenut ressaq il-provi qabel l-attur minhabba l-materja ta' preskrizzjoni li wasslet ghar-ribaltament temporanju tal-provi[23]). Sa mill-bidu nett, l-attur kien konsapevoli li l-konvenut kien qed jikkontendi li n-negozju abbazi ta' l-istanza attrici kien inezistenti u li qatt ma sehh, hlief ghal dak precedenti fis-sena 2009 (u li inghalaq fis-sena 2010). Mela allura wiehed kien jistenna li l-attur jattiva ruhu adegwatament biex juri li l-bejgh tas-sena 2014 verament issucjeda u li l-konvenut ma kienx qed ighid is-sewwa jew li kien taht impressjoni zbaljata.

It-Tribunal ghandu a disposizzjoni tieghu ftit provi in sostenn tal-pretiza attrici. L-attur ressaq l-affidavit tieghu (*a fol*. 23) u flimkien mieghu annetta zewg fatturi, wahda risalenti ghan-negozju tas-sena 2009 (*a fol*. 24) – liema negozju mhux kontestat f'dawn il-proceduri – u ohra allegatament risalenti ghas-sena 2014 (*a fol*. 25). Mieghu annetta wkoll kopja ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Marzu, 2016 (*a fol*. 26)[24], li giet notifikata lill-konvenut fl-10 ta' Marzu, 2016 (*a fol*. 27) u r-risposta relattiva (*a fol*. 28). Oltre tali provi m'hemm xejn, ghajr ghall-kontro-ezamijiet li l-partijiet wettqu reciprokament lil xulxin u ghar-ri-ezamijiet relattivi, fejn l-attur baqa' jsostni l-istess tezi tieghu filwaqt li l-konvenut (flimkien ma' missieru Patrick Pellegrini) baqa' jikkontendi l-istess verzjoni originali.

Ghalkemm l-attur ezebixxa fattura datata 31 ta' Gunju, 2014 (nru. 121)[25] li allegatament ghandha turi li f'tali perjodu ta' zmien kien hemm negozju li kien ghadda bejn il-partijiet, il-konvenut baqa' jishaq li tali dokument qatt ma rah qabel din il-kawza.[26] Mela allura hawnhekk ghandna c-cahda kompleta u assoluta tal-konvenut tal-fattura li kienet tindika li precedentement (fis-sena 2014) kien sehh bejgh bejn il-kontendenti. Anke missier il-konvenut sahaq li wara li n-negozju tas-sena 2009 gie maghluq fis-sena 2010, l-attur qatt aktar ma gie avvicinat mill-konvenut (jew minnu) dwar xi negozju jew bejgh iehor u li bdew jitqabbdu terzi sabiex isir xiri ta' oggetti u ghall-eventwali manutenzjoni ta' l-istess oggetti.[27]

---

[23] Il-provi gew invertiti fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2017 (ara senjatament *a fol*. 14).
[24] Mahruga skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[25] ara *a fol*. 25.
[26] ara *a fol*. 59 u *a tergo* ta' l-istess *folio*.
[27] ara affidavit ta' Patrick Pellegrini *a fol*. 20 u kontro-ezami tieghu *a foll*. 51–55.

Kuntrarjament ghal dak asserit mid-difensur tal-attur[28], ghal dan it-Tribunal il-fattura tal-31 ta' Gunju, 2014 wehidha ma tghid xejn u ma taghtix prova effettiva u oggettiva li l-bejgh ta' l-oggett fiha imsemmi verament sehhx jew le. F'dan ir-rigward it-Tribunal ikollu jikkondividi l-osservazzjoni maghmula mid-difensur tal-konvenut meta fit-trattazzjoni ta' l-gheluq sostna li, "*Fil-fatt anke l-fatt l-attendibilità tal-fatturi li gewipprezentati jonqsu ferm mill-grad rikjest ta' li wiehed li huma effettivament hemm delivery taghhom u ta' l-apparat; ma hemm xejn minn dan; tista' tipprinja mija minnhom dawn!*"[29]

Ikollu jigi puntwalizzat illi guridikament, fattura[30] hi oggett alkwantu stramb, l-effikacja ta' liem ma tinsorgix mid-dokument innifsu, hekk kif jigri f'kaz ta' kuntratt pubbliku, jew skrittura privata jew ta' kambjala (basta jkunu validament redatti u sottoskritti), izda hi dipendenti mill-accettazzjoni tad-destinatarju u minn fatturi ohra ancillari u konkomitanti li jaghtuha valur u piz. Jekk id-destinatarju jaccettaha, mela allura l-fattura takkwista valur probatorju li jirrifletti fuq in-natura tan-negozju interkors bejn il-partijiet, ossia bejn min hareg il-fattura (kreditur) u min irciviha u accettaha (debitur) u tiggenera presunzjoni ta' legam bejn kreditur u debitur, anke skond dak previst fl-Art. 1234 tal-Kodici Civili[31]. Min-naha l-ohra, f'kaz ta' opposizzjoni tad-debitur ghall-fattura invokata mill-kreditur, il-fattura ma takkwistax valur probatorju *a se stante* izda tkun semplici indizju li fuqu l-kredtur jehtieglu jissostanzja b'mezzi ulterjuri. Insibu ritenut illi, "*L'efficacia della fattura inter partes presuppone quindi, che il suo contenuto non venga constestato o, ed è lo stesso, che la fattura sia stata accettata dalla parte cui s'intende opporla; e ciò risponde al già rilevato principio che nessuno può da sè medesimo costituirsi titolo di acquisto di diritti*." (*cfr*. "**NOVISSIMO DIGESTO ITALIANO**", 3ª ed., UTET 1957, Vol. VII – vuci: '*fattura*'; §5, p. 140). L-awtur **GIORGIO BIANCHI** ("La Prova Civile", CEDAM 2009; p. 116)

---

[28] Fit-trattazjoni ta' l-gheluq, id-difensur ta' l-attur affermat *inter alia* hekk: "*Pero` l-provi li ressaq l-attur jigifieri Mario Farrugia juru li dan l-ammont hu dovut. Biss biss ressaq invoice, ressaq invoice li turi li kienet datata 31 ta' Gunju ta' 2014 fejn jghid li ghandu jihallas ta' ……. u indoor cassette, jigifieri dik l-invoice qatt ma thallset.*" (ara *a fol*. 62).

[29] ara *a fol*. 63.

[30] Bhal definizzjoni generali taghha wiehed jista' jghid hekk: "*Dicesi fattura, nel linguaggio commerciale, il documento dal quale risulta la qualità, quantità e prezzo delle merci, che hanno formato oggetto di un contratto e le eventuali condizioni di questo. I contratti, in cui più frequentemente si redige la fattura, sono quelli di compra-vendita, per quanto possa intervenire anche in contratti di altra specie. La fattura accettata costituisce prova del contratto e delle modalità di esso. L'accettazione poi, può essere, secondo la prevalente dottrina, o espresso quando cioè la fattura viene ritornata con la firma di colui al quale è rilasciata, oppure tacita, quando nulla venga eccepito contro di essa e il compratore ritiri la merce inviatagli, senza proteste o reserve*." (*cfr*. **VITTORIO SCIALOJA**, **ROBERTO DE RUGGIERO** u **PIETRO BONFANTE**, "Dizionario Pratico Del Diritto Privato", F. Vallardi ed., 1923; Vol. III, parte I, vuci: «fattura», p. 109)

[31] Art. 1234 jghid hekk: "*Dak li għandu favur tiegħu preżunzjoni stabbilita mil-liġi, hu meħlus minn kull prova tal-fatt preżunt.*" Skond it-taghlim ta' **FRANCESCO RICCI** ("Delle Prove", UTET, 1891; §34; pp. 52-53), "*L'attore che ha a favore della sua domanda una presunzione è dispensato dall'onere della prova: così pure dallo stesso onere é dispensato il convenuto la cui eccezione ha base in una presunzione. Effetto della presunzione é, come si esprime la Cassazione di Torino (decis. 16 febbraio 1855, VII, 1, 176), di far considerare la cosa presunta come provata sinchè non si dimostri il contrario. La parte, quindi, cui una presunzione è opposta, non può limitarsi ad asserire il contrario, ma deve distruggere la presunzione stessa con una chiara e indubitata prova della fatta impugnativa*."

japprofondixxi fit-tematika u jikteb illi, "*La fattura costituisce piena prova fra le parti del relativo contratto in conseguenza della sua accettazione da parte del destinatario, ma non può costituire fonte di prova documentale di diritti ed obblighi di terzi estranei al rapporto contrattuale sottostante. Tuttavia, in presenza di una contestazione del rapporto tra le parti, la fattura di per sé non costituisce prova unilaterale a favore di chi la emette, né produce un'inversione dell'onere probatorio secondo i principi ordinari, altrimenti si rriverebbe alla conclusione, assurda, che sia sufficiente emettere una fattura per vantare giudizialmente un credito*."

Dwar in-natura ta' fattura esprimiet ruhha diversi drabi l-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana. Fil-kaz nru. 4960 tas-sena 1986 l-imsemmija qorti estera affermat li, "*La ricevuta di pagamento, in quanto espressiva dell'attestazione unilaterale del creditore in ordine al pagamento, si differenzia dalla fattura, la quale costituisce un documento destinato a far risultare gli elementi attinenti all'esecuzione di un contratto già concluso; pertanto la fattura, pur assurgendo, in caso di accettazione da parte del destinatario, ad elemento di prova in ordine all'esistenza del rapporto intercorso tra le parti, non acquista, nell'opposto caso di contestazione, efficacia probatoria, dovendo le dichiarazioni che il suo autore unilateralmente affida al documento risultare non contradette da altri obiettivi e concludenti elementi di prova, atti ad inficiare la veradicità e l'attendibilità.*" (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' l-awturi **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, 8a ed., CEDAM 2001; p. 2937). Inoltre, inghad ukoll mill-istess qorti estera illi, "*che la fattura commerciale, avuto riguardo alla sua formazione unilaterale ed alla funzione di far risultare documentalmente elementi relativi all'esecuzione del contratto, si inquadra tra gli atti giuridici a contenuto partecipativo, consistendo nella dichiarazione indirizzata all'altra parte di fatti concernenti un rapporto già costituto, con le conseguenze che, laddove il rapporto è contestato tra le parti, la fattura stessa non può costituire un valido elemento di prova delle prestazioni eseguite, ma può al massimo costituire un mero indizio*." (f'dan is-sens ukoll huma *cass. civ.*, 18.02.1995 n° 1798; *cass. civ.*, 03.07.1998 n° 6502; *cass. civ.*, 13.06.2006 n° 13651; *cass. civ.*, 15.01.2009 n° 806; *cass. civ.*, 28.06.2010 n° 15383; *cass. civ.*, 21.07.2003 n° 11343; *cass. civ.*, 17.12.2004 n° 23499; *cass. civ.*, 05.08.2011 n° 17050; u *cass. civ*. 13.01.2014 n° 462; *ibid.* pp. 2937–2938).

B'dan maghdud, u fic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz, il-fattura ezebita mill-attur m'hi xejn hlief dikjarazzjoni unilaterali tieghu li, minhabba l-opposizzjoni tal-parti konvenuta, ma tistax tinghata awtomatikament valur probatorju bhala dokument li oggettivament jiddefinixxi l-elementi bazici tad-dinamika tar-rapport guridiku koncernanti l-oggett tal-prestazzjoni, id-data ta' l-istess negozju u l-*quantum* relattiv. Il-valur taghha, fic-cirkostanzi tal-prezenti grajja processwali, huwa ta' meru dokument indizjarju. Izda indizju wahdu ma jsawwarx allegazzjoni u lanqas ma jaghmilha oggettivament pruvata. Indizju mhux prova u l-verzjoni ta' parti interessata bazata solament fuq tali indizju m'ghandhiex valur probatorju sufficjenti biex pretiza tigi meqjusa bhala debitament provata. Dan huwa hekk l'ghaliex kif jikteb l-awtur Franciz **AUGUSTE SOURDAT** ("Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §333, p. 417), "*Colui che domanda il risarcimento di un danno è dunque obbligato di provare la colpa che dà origine*

*all'obbligazione. Ciò deve applicarsi, tanto più rigorosamente, in quanto la presunzione non è in favore de' delitti e della imputabilità dell'uomo*." Dan l-imsemmi awtur, wara li jaghmel diversi osservazzjonijiet dwar kif jista' jigi ppruvat id-delitt, imbaghad jghaddi sabiex jitkellem fuq l-effett tal-prova fl-isfera civili. Hu jghid li, "*Non può aver luogo lo stesso avanti i tribunali civili. In fatti la parte lesa è attrice. Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*." (*ibid.*, §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-awtur **GIORGIO BIANCHI** (*op. cit.*, p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni* pro sé *hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*."[32] Inoltre, ta' min jissenjala d-decizjoni *in re* **Audrey Murphy et v. Mark Anthony Murphy** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) illi fiha inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."[33] Meta dan ikun hekk, min hu tenut jiggudika ghandu jikkunsidra tali verzjonijiet b'kalibrazzjoni mal-provi mressqa mill-partijiet li ghandhom indole oggettiva. Kif jinghad fid-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **John Pace noe v. Kenward Cole noe** (Prim'Awla, 26 ta' Frar, 2001), *"Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtijin mill-partijiet imma testendi l-indagni taghha fuq il-provi dokumentali u/jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza*."[34]

---

[32] Fuq l-istess binarju, imma minn ottika tal-ligi kummercjali, jikteb l-awtur **CESARE VIVANTE** ("Trattato di Diritto Commerciale", Dott. F. Vallardi ed., 1928; Vol. IV, §1582, p. 76) meta jsostni hekk: "*La legge commerciale non è sgombra da ogni diffidenza verso i testimoni, poichè anche nella materia commerciale essi possono essere ingannevoli, smemorati, o alterati dai propri interessi, a questa prova, anche quando non manca al suo dovere di verità, può fare perdere molto tempo e molto denaro per non concludere nulla*."

[33] L-awtur Amerikan **MARVIN E. FRANKEL** ("Partisan Justice", edizjoni Hill & Wang, 1978; p. 75) jikteb hekk: "*Everyone is familiar by now with the phenomena of faulty observations, warped memory, and suggestibility leading to dubious accounts of events by the most honest of witnesses. We all tend more or less to see what we are disposed to see and to recall what it suits us to recall. It takes effort to surmount these inclinations. As a result, the attempt to reconstruct past events, the usual business of courtroom trials, is taxing under the best of conditions. Add the heat and smoke of controversy for high stakes and the task is regularly formidable.*" L-istess jinsab miktub mill-awtur Taljan **DOMENICO CARPONI-SCHITTAR** fl-opra "Dal Colloquio Informativo Al Controesame" (Giuffrè, ed. 2010; pp. 113 *et seqq.*) li ghalih it-Tribunal jaghmel referenza bla htiega ta' citazzjonijiet.

[34] Hekk kif inghad mill-Qrati taghna, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata).

Minn ezami ta' l-atti u tal-provi, it-Tribunal ikollu jammetti li sabha difficli li jestrapola elementi ta' indole oggettiva li jikkorroboraw it-tezi attrici. Kif gja' senjalat, apparti l-imsemmija fattura u l-verzjoni ta' l-attur, m'hemmx xejn li jikkonkretizza l-pretiza attrici. Ghalkemm l-atti processwali gew ezaminati diversi drabi u d-deposizzjonijiet tal-kontendenti moqrija ghal darba darbtejn, m'hemm xejn fl-istess atti li jwassal biex il-mizien tal-bilanc ta' probabilitajiet, deskritt aktar kmieni, jiccaqlaq u jxaqleb favur in-naha attrici.

Tradott fi kliem iehor, kien obbligu ta' l-attur li juri, sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-pretiza tieghu ghandha mis-sewwa u li tevidenzja li l-konvenut huwa effettivament debitur di fronti ghall-attur. Sakemm jigi skarikat tali obbligu, il-konvenut m'ghandu l-ebda obbligu li jipprova xi haga l'ghaliex, l-ewwel, il-pendolu tal-oneru probatorju jrid joxxilla lejh biex hu jattiva ruhu halli jissostanzja l-verzjoni tieghu.[35] Fin-nuqqas, hu jista' jibqa' sieket sakemm l-avversarju (l-attur) jipprova, sal grad rikjest fil-Ligi, l-allegazzjonijiet tieghu kontra l-konvenut.[36] F'dan il-kaz l-attur, allura, kellu l-piz li jipprova l-ipotezi ta' kreditu/dejn minnu avvanzata u li jikkonkretizzaha bil-produzzjoni ta' provi idoneji ghac-cirkostanza processwali kif zvolgiet. Ir-rwol ta' min jallega li huwa kreditur ma jistax jigi ristrett ghas-semplici ezibizzjoni ta' fattura u ta' xhieda fuqha minghajr ma jittiehed qies tac-cahda assoluta da parti tal-konvenut avversarju. Fil-kaz prezenti kien rikjest aktar mill-attur sabiex jikkonkretizza l-pretiza tieghu. Certament, min hu tenut jiggudika dwar il-fatti tal-kaz, ma jistax jimla lakuni mhollija inkomolmati minn min kien tenut jindirizzahom. Lanqas ma jista' dan it-Tribunal jipprezumi fatti li ma jsibux l-libsa tal-konkret fl-atti processwali u dan, kif saput, ghaliex, "*kif pacifikament maghruf, tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*." (*vide* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation,** Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005).

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq u konsistentement maghhom, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni

---

[35] Fid-decizjoni *in re* **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil** (Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2010) il-Qorti sostniet hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu*." L-istess sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili *in re* **Philip Grima v. Chris Grech** (28 ta' Jannar, 2010) u cioè li, "*l-piz tal-prova li ghandu l-intimat biex isostni d-difiza tieghu tinsorgi ladarba ir-rikorrent min-naha tieghu ikun gab il-prova ta' fatt jew fatti li jsostnu t-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas ta' prova tac-cirkostanzi dedotti mill-intimat biex jikkumbatti l-pretensjoni tar-rikorrent ma tiddispensax lir-rikorrent mill-oneru li adegwatament u skond il-ligi jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-mertu tal-pretensjoni tieghu li dwarha qed jitlob rimedju mill-Qorti*."

[36] Id-decizjoni *in re* **Mary Debono et v. Concetta Scerri et** (Prim'Awla, 30 ta' Settembru, 2010) tghid li, "*Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva*."

tal-konvenut dwar preskrizzjoni skond il-paragrafu (b) ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), jichad it-talba ta' l-attur ghax mhux sufficjentement pruvata.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – minhabba n-natura tal-kaz, il-fatt li l-eccezzjoni tal-konvenut giet rigettata u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jinqasmu b'dan il-mod: 80% ghandhom jigu sopportati mill-parti attrici, filwaqt li r-rimanenti 20% ghandhom jigu sopportati mill-parti konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*